**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 2 ta' Marzu, 2016**

Numru 15

**Rikors Guramentat Nru. 24/2016**

**Carmel sive Charles Falzon**

**vs**

**Marianna Calleja, Ryan Calleja, Troy Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-12 ta' Jannar 2016 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrent Carmel sive Charles Falzon ghandu hanut tal-laham bl-isem 'Superstar Butcher', Stall 22, Valletta Market, Merchants Street, Valletta u cioe gewwa s-suq tal-Belt Valletta;

2. Illi l-istess rikorrent kien iforni lil Roger Calleja, llum mejjet bil-provvista tal-laham ghan-negozju tieghu;

3. Illi l-mejjet Roger Calleja kellu debitu favur ir-rikorrent fl-ammont originali ta' €24,056.03 u dan kif irrikonoxxa l-istess Roger Calleja permezz ta' skrittura privata datata l-20 ta' Lulju 2011 (ara Dok. CF1 hawn anness);

4. Illi prezentement l-ammont dovut lir-rikorrent huwa dak ta' dsatax-il elf, erba' mija u sitta u erbghin ewro u tliet centezmi (€19,446.03) u dan stante pagamenti li kienu saru akkont tal-prezz qabel mill-mejjet Roger Calleja;

5. Illi l-intimati f'din il-kawza huma l-eredi tal-mejjet Roger Calleja stante li l-imsemmi Roger Calleja miet intestat (kif jirrizulta minn Dok. CF6 u Dok. CF7 hawn annessi);

6. Illi l-intimata Marianna Calleja giet debitament interpellata sabiex jibdew isiru l-pagamenti rispettivi ghall-ammont dovut izda baqghet inadempjenti (ara Dok. CF4 u Dok. CFS rispettivament hawn annessi);

7. IIli l-istess intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammont dovut anke permezz ta' ittri ufficjali (ara Dok. CF2 u Dok. CF3 rispettivament) izda l-intimati baqghu inadempjenti;

8. Illi l-ammont imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u dovut;

9. Illi l-istess rikorrent jissottometti li l-intimati, ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba attrici;

10. Illi ghalhekk l-intimati ma ghandhom ebda difiza xi jressqu dwar l-istess kreditu;

11. llli ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur taI-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra Ii tista' tkun necessarja:

1. Taghti sentenza u tilqa' t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-intimati sabiex flimkien u in solidum bejniethom ihallsu l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u sitta u erbghin ewro u tliet centezmi (€19,446.03) lir-rikorrent u dan fi zmien qasir u perentorju Ii jogghobha tipprefiggi,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali u taz-zewg ittri legali kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. IIli fl-ewwel lok is-somma reklamata mir-rikorrent Ii allegatament tirrapprezenta hlasijiet ghax-xiri ta' laham ghar-restaurant maghruf bhala "The Cottage" Ii kien jiggestixxi l-mibki Roger Calleja, hija eccessiva, ezorbitanti u ma tirrispekkjax il-hlasijiet maghmula minnu sad-data tal-mewt tieghu ossija nhar it-13 ta' Ottubru 2013, skond l-Iskeda annessa mmarkata Dok. C1;

2. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespsot, ir-rikorrent ghandu jgib il-prova illi l-hlasijiet mifthema mal-mibki Roger Calleja fl-iskrittura privata tal-20 ta' Lulju 2011 ma sarux kif patwit, u dan peress illi l-intimati bhala eredi tal-istess Roger Calleja mhumiex edotti mil-fatti marbuta mal-gestjoni tal-imsemmi restaurant maghruf bhala 'The Cottage";

3. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, l-intimati huma eredi tal-mibki Roger Calleja Ii jgawdu mill-beneficcju tal-inventarju u mhux id-debituri principali tar-rikorrent u konsegwentement ir-responsobbilta taghhom hija wahda limitata skond il-ligi ossija ma tinkludix hwejjighom personali;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti u dokument kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal hlas ta' bilanc ta' kreditu naxxenti minn skrittura datata 20 ta' Lulju 2011 bejn l-attur u Roger Calleja, ir-ragel tal-konvenuta Marianna Calleja u wliedu Ryan u Troy Calleja (fol. 6 tal-process). L-ammont dovut kien dikjarat bhala €24,056.03 pagabbli kif mifteiehm fl-istess skrittura.

L-attur xehed illi Roger Calleja mhux dejjem zamm mal-hlasijiet kif miftiehem pero kien jaccetta l-hlas li jaghtih l-istess Rober Calleja. Roger Calleja dejjem hallas in kontanti u l-attur kien jirrilaxxa ricevuta. Hu esebixxa l-mamma tar-ricevuta li jindika l-hlas. Gew esebiti hamsa u ghoxrin ricevuta. Il-bilanc dovut wara li tnaqqsu dawn il-hlasijiet jammontaw ghal €19,446.03. Peress illi Roger Calleja miet, hu interpella lil konvenuti ghal hlas permezz ta' ittri ufficjali tad-9 ta' April 2014 u l-4 ta' Marzu 2015.

Xehdet ukoll id-difensur tal-attur li rredigiet l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u ffirmatha bhala xhud. Hi kkonfermat l-kontenut tal-iskrittura.

Jirrizulta li l-wirt ta' Roger Calleja ddevolva ab intestato in kwantu ghan-nofs fuq Marianna Calleja u n-nofs l-iehor fuq uliedu. Huma accettaw il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju fejn fost id-debiti tal-inventarju gie dikjarat il-bilanc tad-debitu kif jidher mill-kuntratt a fol. 22 et seq. tal-process.

Ghalkemm fix-xiehda tahha Marianna Calleja tiddikjara li ma kinitx taf bil-kreditu qabel ma miet zewgha, ma jfissirx li ma kienx jezisti jew li qua beneficjarja mill-wirt ta' Roger Calleja hi u wliedha mhux responsabbli. L-eccezzjonijeit huma fis-sens li s-somma hi eccessiva izda ma ngiebet ebda prova li fil-fatt il-bilanc dovut hu eccessiv.

L-eccezzjonijet l-ohra ma jinnewtralizzax l-elementi ta’ prova necessarja biex jigi pruvat dak allegat li fil-fehma tal-Qorti jirrizultaw fondati.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi t-talba attrici hi pruvata.

**Decide**

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lil attur l-ammont ta' dsatax-il elf, erba' mija u sitta u erbghin ewro u tliet centezmi (€19,446.03), rapprezentanti bilanc ta’ debitu, bl-ispejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur